MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 1627/1996/1

**Il-Kummissarju ta' l-Artijiet**

**Vs**

**John Curmi**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-konvenut jikri u jokkupa l-istore 76, Sta. Lucia Str, Vellatta bil-kera ta' mija u zewg liri (Lm102) fis-sena bil-quddiem;

Premess illi l-konvenut kompla jokkupa l-fond in kwistjoni minghajr qatt ma hallas ebda kumpens;

Premess illi minkejja interpellat sabiex ihallas lill-attur il-kumpens, ossia kera, ghall-okkupazzjoni matul l-imsemmi perjodu, il-konvenut baqa' inadempjenti (Dok B);

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tillikwida l-kera in linea ta' kumpens li ghandu jithallas lill-attur mill-konvenut, ghall-okkupazzjni ta' l-istore 76, St. Lucia Str, Valletta ghall-perjodu mill-24 ta' Mejju 1992 sat-23 ta' Mejju 1996 kif fuq premess fl-ammont ta' erba' mija u tmien liri Maltin (Lm408);

2. Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur is-somma hekk likwidata in linea ta' kera;

Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat li l-konvenut ghalkemm debitament notifikat bl-att tac-citazzjoni u bl-avviz tas-smigh, baqa' ma pprezentax in-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Din hi kawza tassew semplici ghal hlas ta' kera u hi hasra li hadet daqstant zmien certament mhux tort tal-Qorti, biex tigi definita;

Permezz ta' ftehim datat 28 ta' Mejju 1992 (fol. 5) il-konvenut kera minghand l-attur il-fond 76 Triq Santa Lucia, Valletta ghall-uzu ta' magazzinagg. Il-kera pattwit kien ta' mija u zewg liri Maltin (Lm102) fis-sena, u nonostante interpellazzjoni, il-konvenut baqa'

inadempjenti. Baqa’ ukoll kontumaci ghall-azzjoni hawn proposta;

Issa huwa minnu li l-konvenut li jibqa’ kontumaci ma jfissirx li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta’ jaghti fil-kawza jew li ammetta d-domanda. (**Vol. XXIX P III p 35**);

Dan ghaliex, kif pacifikament akkolt fil-gurisprudenza recensjuri, l-isitut tal-kontumacja hu intiz biss bhala fren biex irazzan l-atteggjament tal-kontumelja u disprezz da parti ta’ min gie citat biex jersaq quddiem il-Qorti (“**Vivian Charmaine Mizzi –vs- Carmel Mizzi**”, Appell, 13 ta’ Lulju 2001);

Ghalhekk sta ghall-gudikant biex jezamina jekk it-talba hijiex gustifikata u dan indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut;

Fil-kaz *de quo* ix-xhud Vince Gilson (fol. 28) xehed li l-ammont reklamat f’kera ghall-perjodu mill-24 ta’ Mejju 1992 sat-23 ta’ Mejju 1996 kien ghadu dovut mill-konvenut;

Din il-Qorti ma jidhirliex li ghandha tiddubita minn din ix-xhieda u ghalhekk fic-cirkostanzi ser tghaddi biex takkolji t-talba ghal hlas tas-somma mitluba ghall-perjodu fuq indikat.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi, filwaqt li tirrigetta l-Ewwel Talba kif redatta billi mhux il-kaz li l-Qorti tillikwida somma meta din diga` tinsab espressa u likwidata mill-istess attur;

Tilqa’ invece t-Tieni Talba u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur bhala kera ghall-perjodu mitlub is-somma ta’ erba’ mija u tmien liri Maltin (Lm408).

L-ispejjez tal-kawza, salv dawk relatati ma’ l-Ewwel Talba, huma a kariku tal-konvenut.

---------------------------------TMIEM---------------------------------